



Brussell, 22 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

8658/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0075(COD)

CODEC 471
AGRI 168
AGRILEG 63
AGRISTR 38
PE 26

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jingħata appoġġ temporanju eċċezzjonali fil-kuntest tal-FAEŻR b'rispons għat-tifqigħa tal-COVID-19 – Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Brussell, 17 sad-19 ta' Ġunju 2020)

I. INTRODUEZZJONI

Saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

Wara li l-plenarja approvat it-talba tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, biex tipproċedi skont ir-Regola 163 (proċedura urġenti) fis-17 ta' Ġunju 2020, ir-rapporteur, Norbert LINS (PPE, DE) ippreżenta emenda ta' compromess (l-emenda numru 1) għall-proposta għal Regolament f'isem il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali. Kien intlaħaq qbil dwar din l-emenda matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq.

II. VOTAZZJONI

Meta vvotat fid-19 ta' Ġunju 2020, il-plenarja adottat l-emenda nru 1 għall-proposta għar-Regolament u mbagħad adottat il-proposta b'dawn l-emendi fil-votazzjoni aħħarija tagħha.

Il-proposta tal-Kummissjoni, hekk kif emendata, tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, li tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif stabbilit fl-Anness għal dan id-dokument¹.

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru preċedentement bejn l-Istituzzjonijiet. Għalhekk il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament u b'hekk jagħlaq l-ewwel qari għaż-żewġ Istituzzjonijiet.

L-att leġislattiv imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

¹ Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu " ■ " jindika test imħassar.

Appoġġ temporanju eċċezzjonali fil-kuntest tal-FAEŻR b'rispons għat-tifqigħa tal-COVID-19 (emenda tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013) *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Ġunju 2020 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jingħata appoġġ temporanju eċċezzjonali fil-kuntest tal-FAEŻR b'rispons għat-tifqigħa tal-COVID-19 (COM(2020)0186 – C9-0128/2020 – 2020/0075(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0186),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 42 u 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0128/2020),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-4 ta' Ġunju 2020, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 163 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ksieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

² Opinjoni tal-11 ta' Ġunju 2020.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-19 ta' Ġunju 2020 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2020/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 fir-rigward ta' miżura speċifika biex jingħata appoġġ temporanju eċċezzjonali fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew għal Żvilupp Rurali (FAEŻR) b'rispons għat-tifqigħa tal-COVID-19

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42 u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att legiſlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew³,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura legiſlattiva ordinarja⁴,

³ Opinjoni tal-11 ta' Ġunju 2020 (għada mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁴ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Ġunju 2020.

Billi:

- (1) Il-bdiewa u n-negozji rurali ntlaqtu mill-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID19 b'mod bla preċedent. Ir-restrizzjonijiet estensivi fuq il-moviment li daħħlu l-Istati Membri, kif ukoll l-għeluq obligatorju tal-ħwienet, tas-swieq fil-beraħ, tar-ristoranti u ta' stabbilimenti oħrajn tal-ospitalita', ħolqu tfixkil ekonomiku fis-settur agrikolu u fil-komunitajiet rurali u wasslu għal problemi marbutin mal-likwidita' u mal-flussi tal-flus għall-bdiewa u għan-negozji ż-żgħar li huma attivi fl-ipproċessar, fil-kummerċjalizzazzjoni jew fl-iżvilupp tal-prodotti agrikoli. Dan ħoloq sitwazzjoni eċċezzjonali li trid tiġi indirizzata.
- (2) Sabiex ikun hemm rispons għall-impatt tal-kriżi li rriżultat mit-tifqigħa tal-COVID-19 ("il-kriżi"), jenħtieġ li miżura ġdida temporanja u eċċezzjonali tiġi adottata biex tindirizza l-problemi marbutin mal-likwidita' li jheddu l-kontinwita' tal-attivitajiet tal-biedja u tan-negozji ż-żgħar li huma attivi fl-ipproċessar, fil-kummerċjalizzazzjoni jew fl-iżvilupp tal-prodotti agrikoli.

- (3) ***Jenħtieġ li dik il-miżura tippermetti lill-Istati Membri sabiex jagħmlu użu mill-fondi disponibbli fil-kuntest tal-programmi eżistenti tal-iżvilupp rurali tagħhom sabiex jappoġġjaw lill-bdiewa u lill-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) partikolarment milquta mill-kriżi.*** Sabiex jiffoka r-riżorsi disponibbli bl-aħjar mod fuq il-benefiċjarji li l-iktar qed ibatu minħabba l-kriżi, jenħtieġ li l-appoġġ, li għandu l-għan li jiżgura l-kompetittività tan-negozji agrikoli u l-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli, jingħata abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. Fil-każ tal-bdiewa dawn il-kriterji jistgħu jinkludu s-setturi tal-produzzjoni, it-tipi ta' biedja, l-istrutturi tal-azjendi agrikoli, it-tipi ta' kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-azjendi agrikoli u l-għadd ta' ħaddiema staġonali li jimpjegaw; fil-każ tal-SMEs, dawn il-kriterji jistgħu jinkludu t-tipi ta' setturi, it-tipi ta' attività, it-tipi ta' reġjuni, u restrizzjonijiet speċifiċi oħrajn.
- (4) Minħabba l-urġenza u n-natura eċċezzjonali ta' dik il-miżura, jenħtieġ li jiġu stabbiliti pagament ta' darba biss u limitu ta' żmien għall-applikazzjoni tal-miżura, filwaqt li jrid jitfakkar il-prinċipju li jenħtieġ li l-pagamenti mill-Kummissjoni isiru skont l-approprijazzjonijiet tal-baġit u dejjem jekk ikun hemm il-fondi disponibbli għal dan.
- (5) Sabiex jingħata iktar appoġġ lill-bdiewa jew lill-SMEs li jintlaqtu b' mod iżjed gravi, huwa xieraq li l-Istati Membri jitħallew jaġġustaw il-livell tas-somom f'daqqa għal ċerti kategoriji ta' benefiċjarji eliġibbli, abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.

- (6) Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed fondi għall-miżura l-ġdida mingħajr ma jiġu pperikolati l-għanijiet l-oħrajn tal-programmi tal-iżvilupp rurali, kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, jenħtieġ li jiġi ffissat is-sehem massimu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal dik il-miżura.
- (7) Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jirrispon di għall-impatt tal-kriżi billi jintroduċi miżura speċifika biex tippovdi appoġġ temporanju eċċezzjonali taħt il-FAEŻR, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni proposta, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak il-għan.

⁵ Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347 20.12.2013, p. 487).

- (8) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jiġi emendat skont dan.
- (9) Fid-dawl tal-urġenza li tiġi indirizzata l-kriżi , ġie kkunsidrat xieraq li tiġi prevista eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, meħmuż mat-TUE, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (10) Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni marbuta mal-kriżi, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 39b

Għajnuna temporanja eċċezzjonali għall-bdiewa u għall-SMEs partikolarment milquta mill-kriżi tal-COVID-19

1. L-appoġġ li jingħata fil-kuntest ta' din il-miżura għandu jipprovdi assistenza ta' emerġenza lill-bdiewa u lill-SMEs partikolarment milquta mill-kriżi tal-COVID-19, bil-għan li tkun żgurata l-kontinwità tal-attività kummerċjali tagħhom, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. L-appoġġ għandu jingħata lill-bdiewa, kif ukoll lill-SMEs li huma attivi fl-ipproċessar, fil-kummerċjalizzazzjoni jew fl-iżvilupp ta' prodotti agrikoli koperti mill-Anness I għat-TFUE jew tal-qoton, ħlief għall-prodotti tas-sajd. Il-prodott li jirriżulta mill-proċess tal-produzzjoni jista' jkun prodott li ma jkunx kopert minn dak l-Anness.

3. L-Istati Membri għandhom iqiegħdu fil-mira tal-appoġġ lill-benefiċjarji li jkunu ntlaqtu b' mod iżjed gravi mill-kriżi tal-COVID-19, billi jiddeterminaw, abbażi tal-evidenza disponibbli, il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà u, fejn meqjus xieraq mill-Istat Membru kkonċernat, il-kriterji tal-għażla, li għandhom ikunu oġġettivi u mhux diskriminatorji.
4. L-appoġġ għandu jingħata bħala somma f'daqqa li għandha titħallas sat-**30 ta' Ġunju 2021, abbażi tal-applikazzjonijiet għal appoġġ approvati mill-awtorità kompetenti** sal-31 ta' Diċembru 2020. ***Ir-rimborż sussegwenti mill-***Kummissjoni għandha ssir skont l-appropriazzjonijiet tal-baġit u suġġett għad-disponibblità ta' fondi. Il-livell tal-pagament jista' jvarja minn kategorija ta' benefiċjarji għall-oħra, skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.⁵ L-ammont massimu tal-appoġġ ma għandux ikun ta' iktar minn EUR **7 000** għal kull bidwi u EUR 50 000 għal kull SME.
6. Meta jagħtu l-appoġġ skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom iqisu l-appoġġ mogħti fil-kuntest ta' strumenti ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni oħrajn jew fil-kuntest ta' skemi privati b'rispons għall-impatt tal-kriżi tal-COVID-19.';

(2) fl-Artikolu 49, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘2. L-awtorità tal-Istat Membru responsabbli għall-għażla tal-operazzjonijiet għandha tiżgura li l-operazzjonijiet, ħlief għall-operazzjonijiet fil-kuntest tal-punt (b) tal-Artikolu 18(1), tal-punt (d) tal-Artikolu 24(1) u tal-Artikoli 28 sa 31, 33, 34 u 36 sa 39b, jintgħażlu skont il-kriterji tal-għażla msemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u skont proċedura trasparenti u ddokumentata sew.’;

(3) fl-Artikolu 59 jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“6a. L-appoġġ tal-FAEŻR ipprovdut skont l-Artikolu 39b m'għandux jeċċedi 2% mill-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR għall-programmi tal-iżvilupp rurali.’.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*
